



KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell 5.5.2011
KUMM(2011) 250 finali

2011/0106 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar l-allokazzjoni ta' fondi diżimpenjati mill-proġetti taħt id-9 EDF u Fondi Ewropej tal-Iżvilupp (EDFs) preċedenti għall-koperazzjoni għall-iżvilupp fis-Sudan ta' Isfel

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

F'Jannar 2011, il-popolazzjoni tas-Sudan ta' Isfel ivvutat bi ħġarha sabiex tiddikjara l-indipendenza mit-tramuntana f'referendum ta' awtodeterminazzjoni, skont il-Ftehim ta' Paċi Komprensiv (CPA) tal-2005. Huwa mistenni li l-indipendenza tiġi ddikjarata formalment fid-9 ta' Lulju 2011, l-istess jum li fih jiskadi s-CPA.

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha laqgħu r-risultat tar-referendum u qed jistennew bil-ħerqa li jkomplu jiżviluppaw sħubija mill-qrib u fit-tul mas-Sudan ta' Isfel, filwaqt li jappoġġjaw tranżizzjoni paċifika u ħielsa mit-tfixkil lejn stat indipendenti tas-Sudan ta' Isfel stabbli u indipendenti. Għal dan il-għan, il-ħidma fuq l-ipprogrammar konġunt bejn l-UE u l-Istati Membri diġà bdiet, f'koperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u l-atturi fuq it-territorju.

Wara l-indipendenza, is-Sudan ta' Isfel se jkollu jiffaċċja bosta sfidi umanitarji u soċjo-ekonomiċi f'kuntast ta' kapaċità statali mnaqqsa. Fiċ-ċirkustanzi, l-ġhajnuna esterna se ssir aktar kruċjali għal perjodu twil ta' żmien sabiex tgħin lis-Sudan ta' Isfel jiġġieled kontra l-faqar estrem, jagħti aktar setgħa lill-komunitajiet lokali u jipprovdi dividendi bikrija tal-paċi lill-popolazzjoni. Għalkemm is-Sudan ta' Isfel huwa mistenni li jitlob l-adeżjoni għall-Ftehim ta' Cotonou, se jkun meħtieġ iż-żmien sakemm l-10 Fond Ewropew tal-Iżvilupp (EDF) isir disponibbli wara l-adeżjoni. Għalhekk, sakemm tinkiseb l-adeżjoni sħiħa għall-Ftehim ta' Cotonou u oqfsa multilaterali ta' finanzjament oħra, hemm ir-riskju ta' "interruzzjoni tal-finanzjament" fil-fażi immedjatement wara r-referendum, f'perjodu fejn is-Sudan ta' Isfel se jibqa' fraġli ħafna, b'riskju għoli ta' falliment tal-istat.

Diġà f'Lulju 2010, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/406/UE tat-12 ta' Lulju 2010 allokat EUR 150 miljun f'fondi diżimpenjati mid-9 EDF u EDFs preċedenti sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-"popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli fis-Sudan". Minn din is-somma, EUR 85 miljun huma allokati għas-Sudan ta' Isfel. Madankollu, dan l-ammont jista' jitqies bħala mhux biżżejjed sabiex ilaħħaq mal-ħtiġijiet enormi tal-bini tal-istat u tal-kapaċitajiet kif ukoll il-ħtiġijiet tal-iżvilupp tal-popolazzjoni tas-Sudan ta' Isfel. Huwa għalhekk meqjus neċessarju li jitpoġġew għad-dispożizzjoni fondi addizzjonali sal-adeżjoni sħiħa tas-Sudan ta' Isfel mal-Ftehim ta' Cotonou.

Permezz tad-deċiżjoni annessa, il-Kummissjoni Ewropea tipproponi li talloka ammont addizzjonali ta' EUR 200 miljun f'fondi diżimpenjati mid-9 EDF u EDFs preċedenti, f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 1(4) tal-Ftehim Intern tal-10 EDF, għall-finijiet tal-appoġġ tal-bini tal-istat u tal-kapaċità tas-Sudan ta' Isfel u kif ukoll il-ħtiġijiet tal-iżvilupp.

Hija għalhekk tipproponi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni mehmuża dwar l-allokazzjoni ta' ammont ta' EUR 200 miljun f'fondi diżimpenjati minn EDFs preċedenti għas-Sudan ta' Isfel. Deċiżjoni ta' Finanzjament li tipprovdi programmar aktar dettaljat se titħejja aktar tard.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar l-allokkazzjoni ta' fondi diżimpenjati mill-proġetti taħt id-9 EDF u Fondi Ewropej tal-Iżvilupp (EDFs) preċedenti għall-koperazzjoni għall-iżvilupp fis-Sudan ta' Isfel

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-artikolu 217 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li kienu qed jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar il-Finanzjament tal-Għajjnuna tal-Komunità taħt il-Qafas Finanzjarju Multiannwali għall-perjodu 2008 sal-2013 f'konformità mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE u dwar l-allokkazzjoni tal-għajjnuna finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Barranin li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat tal-KE¹, u b'mod partikolari l-Artikoli 1(4) u 6 tiegħu,

Billi:

- (1) Is-Sudan ta' Isfel huwa mistenni li formalment jiddikjara l-indipendenza tiegħu mit-Tramuntana fid-9 ta' Lulju 2011, b'riżultat tar-referendum tal-awtodeterminazzjoni li sar f'applikazzjoni tal-Ftehim ta' Paċi Komprensiv tal-2005;
- (2) Fil-fażi ta' wara l-indipendenza, l-Istat tas-Sudan ta' Isfel il-ġdid se jkollu jiffaċċja bosta sfidi umanitarji u soċjo-ekonomiċi f'kuntast ta' kapaċità mnaqqsa ta' governanza u ta' fraġilità politika. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-għajjnuna esterna hija mistennija li ssir saħansitra aktar importanti sabiex tgħin lis-Sudan ta' Isfel jiġġieled il-faqar estrem, jagħti aktar setgħa lill-komunitajiet lokali u jipprovdi dividendi bikrin tal-paċi lill-popolazzjoni;
- (3) Is-Sudan ta' Isfel huwa mistenni li jitlob l-adeżjoni għall-Ftehim ta' Cotonou flit wara l-indipendenza tiegħu. Madankollu, se jkun meħtieġ xi żmien sakemm il-finanzjament tal-10 EDF isir disponibbli b'mod effettiv wara l-adeżjoni, u dan sadittant iġib miegħu r-riskju ta' interruzzjoni tal-finanzjament;
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/406/UE tat-12 ta' Lulju 2010 dwar l-allokkazzjoni tal-fondi dekommissjonati minn proġetti taħt id-Disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) u dawk preċedenti sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni l-iktar vulnerabbli fis-Sudan² iddeċidiet dwar l-ewwel allokkazzjoni ta' EUR 150 miljun sabiex

¹ ĠU L 247, 9.9.2006, p. 32.

² ĠU L 189, 22.7.2010, p. 14

jigū indirizzati l-ħtiġijiet tal-"popolazzjonijiet l-iktar vulnerabbli fis-Sudan". Minn din is-somma, EUR 85 miljun diġà ġew allokati għas-Sudan ta' Isfel. Madankollu, dan l-ammont mhux meqjus bħala biżżejjed sabiex ilaħħaq mal-ħtiġijiet enormi tal-bini tal-istat u tal-kapaċità, u wkoll il-ħtiġijiet tal-iżvilupp għall-maġġoranza tal-popolazzjoni;

- (5) Sabiex jimtela n-nuqqas li jibqa' fil-finanzjament, huwa xieraq li jigū allokati għall-benefiċċju tal-popolazzjoni u l-istituzzjonijiet pubbliċi fis-Sudan ta' Isfel aktar fondi diżimpenjati mid-9 EDF u EDFs preċedenti;
- (6) Il-fondi għandhom jintużaw sabiex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-"Pjan tal-Iżvilupp Triennali tas-Sudan ta' Isfel (2011-2013)", fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet tal-finanzjament li għandhom jigū adottati mill-Kummissjoni. Għandu jsir provvediment ukoll biex jigū koperti l-ispejjeż tal-miżuri ta' appoġġ;
- (7) għall-finijiet tas-simplifikazzjoni, dawn il-fondi għandhom jigū ġestiti skont l-arranġamenti tal-implimentazzjoni tal-10 EDF.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

- (1) Ammont ta' EUR 200 miljun minn fondi diżimpenjati mill-proġetti taħt id-9 EDF u EDFs preċedenti huwa allokati għall-finijiet tal-koperazzjoni għall-iżvilupp fis-Sudan ta' Isfel. 3% ta' dan l-ammont huma allokati għan-nefqa ta' appoġġ mill-Kummissjoni.
- (2) Dawn il-fondi għandhom ikunu ġestiti skont ir-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-10 EDF.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, [...]

*Għall-Kunsill
Għall-President*